**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**It-Tlieta 16 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (17.37) |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier (17.40) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**21.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**21.01.01** L-ebda ittra ta' apoloġija.

**21.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 20)**

**21.02.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel korrezzjoni għall-minuti, "**20.04.01** Is-Sindku John Schembri għamel referenza għal-laqgħa rigward Miżuri 3 u 4 tal-Galxlokk. Is-Sindku John Schembri qal li kien informa lill-Kunsillier Frederick Aquilina sabiex jattendi din il-laqgħa u m'attendiex. Il-Kunsillier Frederick Aquilina għal bidu qal li ma rċieva l-ebda email u li s-soltu l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali jċemplulu u jinfurmawh. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qaltlu li l-email intbagħatet u li l-ħaddiema mhumiex obbligati li jċemplu. Il-Kunsillier Frederick Aquilina reġa' fittex fl-email u kkonferma li kienet intbagħatet **u li ma setax jattendi għax kien imsiefer."**

**21.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u sekondat mis-Sindku John Schembri, il-minuti ta' seduta **20** ġew approvati unanimament.

**21.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**21.03.01** Xejn

**21.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**21.04.01** Is-Sindku John Schembri spjega li mill-iskeda li jmiss, se jkun qiegħed jintwera programm ġdid fuq il-PBS dwar il-Kunsilli Lokali. Is-Sindku John Schembri qal li jkun xieraq li bħala lokalita` nieħdu sehem. Għalhekk hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti kollha.

**21.04.02** Is-Sindku John Schembri qal li l-Galxlokk kien se jniedi erba' skemi. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li waħda mill-iskemi hija għaż-żamma ta' postijiet pubbliċi, skema oħra kulturali u edukazzjoni fost oħrajn. Is-Sindku John Schembri sosta li l-iskema taż-żamma tista' tintuża sabiex issir latrina pubblika f'Ħal Farruġ u picnic area. Is-Sindku John Schembri tenna li rigward l-iskema Kulturali u Edukazzjoni l-Kunsill jista' juża' dawn il-fondi għar-restawr taċ-ċimiterji ta' Valletta Road jew ta' Triq San Tumas. Is-Sindku John Schembri qal li l-istatwi ta' San Tumas għandhom bżonn restawr kbir u għandhom jingħataw prijorita`.

**21.04.03** Is-Sindku John Schembri sostna li Miżura 4 tal-iskema Galxlokk, Ħal Luqa jikkwalifika għaliha. Is-Sindku John Schembri fisser li bħala Kunsill għandna nissikkaw fuq il-persuni b'diżabilita`, dawn għandhom jinkludu tojlits u bandli. Il-Kunsilliera preżenti, bi qbil unanimu qablu ma' din il-proposta.

**21.04.04** Is-Sindku John Schembri feraħ lill-Accountant tal-Kunsill, lil Dr Joseph Piscopo talli kiseb id-Dottorat fil-Ekonomija tal-Ħelsien (Health Economics) mill-University ta' Maastricht.

## 21.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**21.05.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri għamel referenza għall-installazzjoni tal-flood lights taċ-Ċimiterji. Il-Kunsillier Matthew Spiteri spjega li dawn il-floodlights se jkunu installati fiċ-ċimiterju Tal-Pesta, Valletta Road u San Tumas. Il-Kunsillier Matthew Spiteri ppreżenta ritratti ta' dawn il-flood lights u fisser li dawn il-flood lights huma solar, b'wajer ta' 4 metri u jaħdmu bir-remote Control. Il-Kunsillier Matthew Spiteri kompla jgħid li huwa ġab 2 flood lights, sponsor mill-B&G u 2 flood lights oħra se jitħallsu mill-Kunsill u jammontaw b'kollox għal €136.80.

**21.05.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri fakkar fid-diskussjoni politika maż-Żgħażagħ, "Iż-Żgħażagħ u l-Politika li se ssir nhar is-17 ta' Ottubru 2025 fis-7.30pm, f'Misraħ Renard. Il-Kunsillier Matthew Spiteri kompla jgħid li l-ispejjeż ta' din id-diskussjoni, kif kien maqbul f'seduti preċendenti, se jinqasmu bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa.

**21.05.03** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri jispjegalu x-xogħlijiet li se jsir għal Vjal Kulħadd. Is-Sindku John Schembri spjega li se jsir dawl ġdid, pavimentar, water culverts, dawl modern maċ-ċimiterju u bicycle lanes. Is-Sindku John Schembri kompla jfisser li fuq il-lemin se jsiru bicycle lanes, dwal li jinżlu naqra isfel u se jsiru fejn iċ-ċimiterju. Il-Kunsillier Frederick Aquilina rrimarka li l-parkings li jinsabu f'din it-triq qed jittieħdu mill-muturi tal-Bolt, Wolt u taxis. Is-Sindku John Schembri u l-Kunsillier Jeffrey Scicluna qalu lill-Kunsillier Frederick Aquilina, sabiex jistenna li titlesta t-triq u mbagħad jaraw jekk jibqgħux jipparkkjaw hemmhekk, jekk jibqgħu tittieħed azzjoni.

**21.05.04** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega lill-Kunsilliera preżenti, li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa ġie avviċinat minn Explore Malta sabiex iħejji write up u ritratti ta' postijiet ta' interess f'Ħal Luqa biex ikunu disponibbli f'app.

**21.04.05** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab sabiex jinxtara apparat li jintuża f'shelter sabiex titkejjel il-kwalita` tal-arja, jekk hux tajba jew le, il-gassijiet fost ħafna affarijiet oħrajn. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qed jesplora din il-proposta.

## 21.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**21.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li mis-seduta li jmiss, se jibda jintbagħat calender invite fuq l-email personali tal-Kunsilliera, li fih ikun indikat id-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.

**21.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li mindu għandna l-impjegata l-ġdida tal-Community, issa jista' jibda jinżamm reġistru tat-telefonati u ilmenti li jidħlu l-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li din id-data se tkun disponibbli għall-Kunsilliera kollha.

**21.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li l-implimentazzjoni tas-Shireburn qiegħda fl-aħħar fażi. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li issa kien imiss l-aħħar fażi ta' taħriġ u f'Jannar tidħol fis-seħħ din is-sistema.

## 21.07 Korrispondenza

**21.07.01** Xejn

## 21.08 Rendikont dwar Luqa Sajf Fest

**21.08.01** Is-Sindku John Schembri qal li Luqa Sajf Fest kienet suċċess. Pero darb'oħra jrid ikun hemm aktar kontroll tal-ikel u li jingħataw tokens lil kulħadd biex kulħadd jieħu l-istess.

**21.08.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab sabiex tinbidel il-ġurnata li fiha jsir il-Luqa Sajf Fest. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li jixtieq li tinbidel din id-data sabiex ma naħbtux mal-attivita` taċ-Ċentru. Is-Sindku John Schembri qal li bħala data għandha tibqa' l-istess għaliex il-maġġoranza u l-qofol tal-festi jkun għadda.

**21.08.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ssuġġerixxa li fil-bidu tas-sena titħejja skeda tal-attivitajiet u jkunu infurmati l-għaqdiet kollha ħalli ma taħbat mal-ebda attivita` tal-għaqdiet. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li tajjeb li nżommu komunikazzjoni mal-għaqdiet sabiex l-attivitajiet ma jaħbtux.

**21.08.03** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna informa lill-Kunsilliera preżenti li sabiex jitwaħħlu powsters barra mir-raħal, hemm proċedura ma' Transport Malta li wieħed irid isegwi minn xi xahar qabel.

## 21.09 Rendikont dwar Jum il-Vitorja, Ħal Farruġ

**21.09.01** Is-Sindku John Schembri qal li għal darb'oħra din l-attivita` kienet suċċess. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li din l-attivita` se ssir appuntament annwali u se tkun miftuħa kemm għar-residenti ta' Ħal Farruġ kif ukoll għal ta' Ħal Luqa.

## 21.10 Attivitajiet – Ottubru/Novembru

**21.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li huwa għamel kuntatt ma' Marigold Foundation, Europa Donna u għaqdiet oħra sabiex issir diskussjoni dwar il-Kanċer tas-Sider fl-okkażjoni tal-Pink October/Movember, nhar it-22 ta' Ottubru 2025 fis-6.30pm. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ssuġġerixxa li fl-okkażjoni tal-Pink October/Movember jixtara dawl apposta sabiex jinxtegħel mal-faċċata tal-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti qablu bi qbil unanimu ma' din il-proposta.

## 21.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**21.11.01** Fuq proponiment tal- mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 21.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**21.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Ottubru ta' Settembru 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 15 ta' Ottubru 2025.**

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |